MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 58/2014

**A B f'isimha proprio kif ukoll ghan-nom**

**u in rappreżentanza ta' bintha minuri C B**

**vs**

**D E;**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici proprio et nomine li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"Illi fis-7 ta' Ottubru 2002 l-esponenti welldet il-minuri C B minn relazzjoni li kellha mal-intimat D E.

Illi l-intimat D E ma jridx jirrikonoxxi li huwa l-missier naturali tal-minuri, u dana minkejja li gie interpellat diversi drabi f'dak is-sens mill-esponenti, anke tramite ittra legali.

Jghid ghalhekk l-intimat D E ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess u prevja, jekk hekk thoss opportun, il-hatra ta' kwalunkwe esperti in materja li joghgobha tappunta sabiex jassistuha ghad-determinazzjoni tat-talbiet attrici:

(i) tiddeciedi u tiddikjara illi D E huwa l-missier naturali tal-minuri C B;

(ii) tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lil kwalunkwe awtorita' kompetenti ohra iwettqu r-registrazzjoni ta' dak it-taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi.

Bl-ispejjez, kontra l-intimat D E li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni,

Rat ir-risposta guramentat tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

"Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligljiet ta' Malta;

Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li jintlaqghu t-talbiet attrici l-esponent jinvita lill-intimat D E sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta tieghu meta twieldet il-minuri, (2) il-post tat-twelid tieghu, (3) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet il-minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita C B;

Illi l-partijiet ghandhom jiddeciedu wkoll x'kunjom ghandha tassumi l-minuri.

Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijlet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut D E li taqra' kif gej:-

"Illi l-intimat jirrileva illi ghandhom isiru t-testijiet xjentifici relattivi tad-DNA sabiex tigi stabbilita l-paternita' tal-minuri C B qabel ma' din l-Onorabbli Qorti tghaddi biex tiddetermina t-talbiet attrici;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**L-Azzjoni Attrici**.

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici, li weldet lit-tifla C meta kien ghad ghandha sittax-il sena u fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija tnizzlu l-kliem "unknown father", qed titlob illi ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid *de quo* u minflok il-kliem "unknown father" jitnizzel isem il-konvenut D E u l-konnotati kollha tieghu.

L-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-**Artikolu 86A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:

*(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi*.

**Artikolu 70A tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

*(1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel - (a) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel; (b) l-omm tista' teħtieġ lill-missier u lit-tifel; (ċ) it-tifel jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat missier naturali jista' jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

*(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.*

*(3) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad it-talba sakemm il-kjarifika tirriżulta f'effett kontrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak it-tifel minuri, ukoll meta wieħed jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika.*

**Arikolu 100A tal-Kap. 16:** '*F'kawzi li ghalihom jaghmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista' minghajr hsara ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skont il-ligi tehtieg lill-partijiet biex jissottomettu ghal examijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess cirkostanzi.*'

**Test tad-DNA**.

Fir-risposta guramentata tieghu il-konvenut D E jaqbel illi ghandhom isiru t-testijiet xjentifici tad-DNA sabiex tigi stabbilita l-paternita' tal-minuri.

B'digriet tad-9 ta' Dicembru 2014 il-Qorti innominat lil Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci t-testijiet tad-DNA fuq l-attrici, fuq il-konvenut D E u fuq il-minuri. Dr Cassar ipprezentat ir-rapport tad-DNA waqt l-udjenza tat-12 ta' Frar 2015. Skond dan ir-rapport xjentifiku gie certifikat li l-konvenut D E huwa fil-fatt il-missier naturali tal-minuri C B.

**Kunjom il-Minuri.**

Waqt l-udjenza tat-12 ta' Frar 2015 l-attrici u l-konvenut E ddikjaraw illi kien hemm qbil bejniethom li l-minuri C tibqa' zzomm il-kunjom "B".

**Artikolu 92 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi *inter alia* illi f'kazijiet simili ghal dawk in dizamina, il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni illi tordna li l-persuna li l-att tat-twelid taghha jkun ser jigi emendat tibqa' zzomm il-kunjom li kienet iggib sa dakinhar. Ma jirrizultax li fil-kaz odjern tali decizjoni ser johloq xi pregudizzju li xi hadd. Anzi l-partijiet jaqblu li l-minuri ghandha tkompli ggib il-kunjom "B" nonostante li missierha kunjomu E. Il-Qorti hija tal-fehma li jkun fl-interess tal-minuri li tkompli zzomm il-kunjom "B" anke ghaliex illum ghandha 'il fuq minn tnax-il sena u ilha ggib il-kunjom "B" sa mit-twelid taghha.

B'nota tas-27 ta' Frar 2015[1] il-konvenut D E pprovda l-konnotati kollha tieghu sabiex jigu inseriti fl-att tat-twelid tal-minuri.

**Kap tal-Ispejjez**.

Dwar il-kap tal-ispejjez il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet. L-attrici tallega illi kienet kostretta tistitwixxi l-kawza odjerna peress li l-konvenut D E kien irrifjuta li jirrikonoxxi lit-tarbija. Hija tghid li kienet interpellatu anke b'ittra legali izda hu ma accettax. Il-konvenut E ma cahadtx dak lilu imputat mill-attrici. Irid jinghad ukoll illi l-Qorti kkonstat l-intransigenza tal-konvenut E anke f'dawn il-proceduri. Jirrizulta mill-atti illi meta l-Marixxal tal-Qorti mar sabiex jinnotifikah bl-att promotur u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza il-konvenut D E qal lil Marixxal illi ma kienx D E izda haddiehor u li D E kien imsiefer. B'ordni tal-Qorti, anke ghaliex il-Marixxal ma insistiex ghall-karta ta' l-identita' tal-persuna li kienet taghtu dik l-informazzjoni, il-Marixxal gie ordnat jerga' jmur sabiex jirrintraccja l-persuna li kienet tatu dik l-informazzjoni u rrizulta li effettivament il-Marixxal kien kellem lil D E u mhux persuna ohra. Dan l-episodju juri li l-konvenut E baqa' sa l-ahhar jipprova jevita li jigi rikonoxxut bhala iben il-minuri. Il-Qorti hi sodisfatta illi dawn il-proceduri setghu facilment jigu evitati kieku l-konvenut E ikkopera mal-attrici u saru t-testijiet tad-DNA bonarjament minghajr il-htiega ta' proceduri gudizzjarji.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ser takkolla l-ispejjez gudizzjarji ta' din il-kawza fuq il-konvenut D E.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi mir-risposti guramentati tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attrici bil-mod kif gej:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut D E huwa l-missier naturali tal-minuri C B.

[1] Fol. 46

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex minn fuq l-att tat-twelid ta' C B jigu kancellati l-kliem "unknown father" u minflok jitnizzel bhala l-missier isem u kunjom il-konvenut D E bil-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw min-nota ezebita a fol. 46 tal-process.

3. Tordna li fl-att tat-twelid tal-minuri C jitnizzel illi ghandha ggib il-kunjom "B".

Bl-ispejjez kollha, inkluz l-ispejjez tat-test tad-DNA, kontra l-konvenut D E.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------